MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 120/1998/1

**Tessons Limited**
**Vs**
**Av.Dr.Louise Sant Fournier ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Agia Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' qbid bin-numru 5211/97 u dana kontra is-socjeta' Tessons Snack Food Limited (Dok. A);

Peress illi l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat sar fuq oggetti appartenenti lis-socjeta' attrici u ghalhekk ma kienux ta' Tessons Snack Food Limited;

Tghid il-konvenuta nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tirrevoka il-mandat ta' qbid bin-numru 5211/97 fl-ismijiet Av. Dr. Louise Sant Fournier ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Agia Trading Limited kontra Tessons Snack Food Limited, stante illi l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat ma giex ezekwit fuq oggetti appartenenti lid-ditta debitrici izda fuq proprjeta tad-ditta attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuta nomine li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Preliminarjament illi din il-kawza ghandha titqies bhala dezerta ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq eccipit, il-kawza hija *res judicata* peress illi l-mertu tac-citazzjoni odjerna diga' gie deciz f'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Dicembru 1997 (rikors Nru: 2694/97FGC) wara rikors ipprezentat mill-kumpanija attrici stess (Dok. AT1 u Dok. AT2);

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccipit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid in kwistjoni kienu jinsabu f'ufficcju registrat tal-kumpanija Tessons Snack Food Limited;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccipit, il-kumpanija attrici trid iggib prova sodisfacenti li l-oggetti indikati fil-mandat fil-fatt jappartjenu lilha;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccipit, fl-eventwalita' li t-talba attrici tigi milqugha, il-konvenuta nomine m'ghandhiex tbati l-ispejjez stante li hija mxiet kif tirrikjedi l-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat li l-ewwel eccezzjoni giet deciza fit-30 ta' Mejju 2004 [Fol.64 et seq.]
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi in esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid numru 5211/97 ottenut mis-socjeta' konvenuta kontra s-socjeta' Tessons Snack Food Limited fit-8 ta' Ottubru 1997, gew maqbdua mill-Marixxall tal-Qorti l-oggetti elenkati fil-lista annessa mal-istess mandat u li tinsab a fol.16 tal-process.

Illi permezz tal-proceduri odjerni s-socjeta' attrici Tessons Limited qed issostni li dawn l-oggetti huma proprjeta' taghha u mhux tal-imsemmija kumpanija, nonostante li dawn gew maqbuda mill-ufficju minn fejn topera wkoll din l-kumpanija. In fatti mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fl-indirizz fejn gie esegwit il-mandat ta' qbid, f' Tal Handaq Hal Qormi, joperaw tlett kumpaniji: Tessons Limited, Tessons Snack Food Limited u Acquatess Limited li taghhom Joseph Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan huma d-diretturi. Tessons Limited hija wkoll shareholder tal-kumpanija Tessons Snack Food limited.[1]

Illi mix-xhieda tal-accountant tas-socjeta' attrici jirrizulta li ghal fis-snin 1991 u 1992 is-socjeta' Tessons Limited kienet waqfet topera, u konsegwenzjalment kienet kriet l-ghamara u l-propjeta' taghha lis-socjeta' Tessons Snack Food Limited li bdiet taghmel ix-xoghol li kienet taghmel il-kumpanija attrici qabel. Kemm dan ix-xhud u mid-dokumenti esebiti minnu, kif ukoll mix-xhieda tal-awditur tal-kumpanija u dokumenti esebiti minnu, jirrizulta li s-socjeta' Snack Food Limited ma kellhiex tangible assets, u l-assi li kienet taghmel uzu minnhom kienu mikrija lilha mis-socjeta' attrici versu korrispettiv indikat fil-prospetti finanzjarji ghas-snin 1997 u 1996.[2]

[1] Doks.CG1 u CG2 – Fol.104 - 138
[2] Fols.144 – 172.

Ghalkemm il-ftehim tal-krija ma giex esebiti, il-Qorti hi tal-fehma li mill-affidavits ta' Joseph u Andew Ellul Sullivan, kif ukoll tal-Awditur tal-kumpanija Tessons Snack Food Limited, u mid-dokumenti esebiti rrizulta sodisfacentement provat li s-socjeta' Tessons Snack Food Limited ma kellhiex assi u l-oggetti uzati minnha biex topera [u taghmel l-istess xoghol li kienet taghmel Tessons Limited] kienu mikrija lilha mis-socejta' attrici.

Illi rigward l-oggetti maqbuda bl-imsemmi mandat u li huma elenkati fil-lista annessa, il-Qorti hi tal-fehema li mill-provi jirriuzlta sodisfacentement provat li dawn ma jappartjenux lis-socejta' Tessons Snack Food Limited li kontra taghha kien sar il-mandat, izda lis-socjeta' Tessons Limited, u fil-kaz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAG749[3] lis-socjeta' Acquatess Limited rappresentata minn Joseph Ellul Sullivan. Il-vettura l-ohra registrata bin-numru AAE636 hija wkoll registrat f' isem Joseph Ellul Sullivan izda qua direttur tas-socjeta' Tessons Limited.

Jigi osservat li ghalkemm fid-dokument[4] ta' registrazzjoni tal-vettura mhuwiex specikat li Joseph Ellul Sullivan qed jirregistra l-vettura ghan-nom tal-kumpanija Tessons Limited, kemm mix-xhieda prodotta, kemm mill-kategorija li biha giet registrata l-vettura bhala "Good Carrying", kif ukoll minn natura tal-vettura deskritta mill-Marixxall bhala "Truck Freezer" ghandu jirrizulta manifest li dina kienet vettura tal-kumpanija uzata ghal gestjoni tan-negozju taghha. Inoltre, huwa fatt ben not li registrazzjoni ta' vettura ta' kumpanija issir[5] bil-mod kif indikat fid-dokumenti in disamina. Inoltre, in-notament fl-istess dokument "Transfer & Export to be Authorised by Ltd." [6]m' ghandu jhalli ebda dubbju dwar dan.

In vista tal-premess it-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha rispettivament ghall-oggetti kollha elenkati fl-imsemmija lista hlief ghal-vettura that il-partita tnax [12] stante li din ma tappartjenix lilha izda lil kumpanija ohra.

---

[3] CG3 – Fol.76
[4] CG3 – Fol.77
[5] Doks.AT1 u AT2 – Fols.20-21
[6] Sottolinera ta' din il-Qorti

In fine, rigward t-tieni eccezzjoni, dik bazata fuq il-principju ne bis in idem, jigi rilevat li ma kienet nghatat ebda decizjoni precedenti rigward il-meritu tal-kawza odjern. Id-dokument li ghamlet referenza ghalih is-socjeta' konvenuta huwa digriet ta' din il-Qorti fejn cahdet ir-rikors indikat fl-eccezzjoni peress li dan kien "manifestament irritwali". Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nsostenibbli.

Illi in kwantu ghall-kap tal-ispejjez, il-Qorti tikkonsidera l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta gustifikata u ghalhekk dina m' ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante [1] li l-mandat gie esegwit f' ufficju fl-indirizz <u>minn fejn kienu joperaw</u> tlett kumpaniji, inkluza <u>Tessons Snack Food Limited</u>, [2] li l-esekuzzjoni tal-mandat saret debitament u skond il-ligi; u [3] minn imkien ma rrizulta [la mir-riferta tal-marixxall u lanqas mill-affidavit ta' Joseph Ellul Sullivan li kien prezenti waqt l-esekuzzjoni] li waqt l-esekuzzjoni ngibdet l-attenzjoni tal-Marixxall ghall-fatt li l-oggetti maqbuda ma kienux ta' din il-kumpanija.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tirrevoka l-effetti tal-mandat ta' qbid numru 5211/97 fl-ismijiet "Av.Louise Sant Fournier nomine vs Tessons Snack Food Limited"[mahrug in forza ta' digriet tat-8 ta' Ottubru 1997] fuq l-oggetti kollha, hlief fuq il-partita numru [12] kif fuq indikat liema oggett pero' jirrizulta li jappartjeni lis-socjeta' Acquatress Limited. L-ispejjez jibqghu a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------